**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 10 ta' Lulju 2025**

**Rikors Numru 190/2025**

**Mary Rose Borg (K.I nru 957449M)**
**Guido Cuschieri (K.I nru 393851M)**
**Alfred Cuschieri (K.I nru 0803753M)**
**Marthese Cuschieri (K.I nru 0579858M)**
**Marianne Xuereb (K.I nru 0704659M)**
**Carmen Muscat (K.I nru 0013761M**

**-vs-**

**Mario Caruana (K.I. nru 0593157M)**

Il-Bord,

Ra r-Rikors ippreżentat minn **Mary Rose Borg et** fit-30 ta'Mejju 2025, li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

1. *Illi permezz tas-sentenza datata s-7 ta' Ottubru 2024 (li qeghda tigi mmarkata bhala Dok CG1) fl-ismijiet Mary Rose Borg et vs Mario Caruana il-Bord li Jirregola l-Kera iddecieda s-segwenti:*

a. *Jilqa' l-ewwel talba;*

b. *Jilqa' t-tieni talba u jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimat Mario Caruana tilef il-jedd li jkompli jikri l-fond ossia ħanut imsejjaħ Tancredi's Paint Store, bin-numru 223, f'Conception Street, Msida peress li ma huwiex jagħmel użu mill-imsemmi fond ossia ħanut għal iskop li għalih kien inkera;*

c. *Jilqa' t-tielet talba u jikkundanna lill-intimat Mario Caruana sabiex jiżgombra mill-fond ossia ħanut, imsejjaħ Tancredi's Paint Store, bin-numru 223, f'Conception Street, Msida fi żmien tletin (30) ġurnata mil-lum. Bl-ispejjeż ta' din is-sentenza kontra l-intimat.*

2. *Illi b'hekk, permezz tal-imsemmija decizjoni, l-atturi ottjenu titolu ezekuttiv sabiex ikunu jistghu jintavolaw mandat ta' zgumbrament kontra l-esponenti mill-proprjeta de quo. Illi ghal kull buon fini qieghed jigi hawn anness il-kuntratt ta' kirja bejn il-kontendenti li qieghed jigi mmarkat Dok.MC1.*

3. *Illi dawk l-imsemmija proceduri, u s-sussegwenti d-decizjoni, saru kollha ad insaputa tal-esponent u dan stante l-fatt li matul it-trattazzjoni tal-kawza fuq precitata, l-intimat Mario Caruana kien qieghed jigi notifikat fl-indirizz 49, Clarence Street, Imsida, liema indirizz huwa l-indirizz hazin u ossia l-intimat Caruana qatt ma seta' possibilment jigi debitament notifikat bir-rikors nru 168/2024 u dan ghaliex, kif jidher minn estratti mir-Registru Elettorali attwali, kif ukoll tas-snin 2019 u 2024 li qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati bhala Dok MC2, l-indirizz korrett tal-intimat huwa 10, Sqaq Clarence, Imsida.*

4. *Illi kif jirrizulta mill-atti processwali quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, inzammu erbgha seduti – li tlieta minnhom kienu ghan-notifika u r-raba ghas-sentenza fit-7 ta' Ottubru, 2024 fejn fiha l-Qorti tat id-decizjoni taghha. Di piu, fid-decizjoni taghha, il-Qorti tghid illi "l-intimat, ġie notifikat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u laffissjoni;"*

5. *Illi stante li Mario Caruana ghal ragunijiet ovvji li ser jigu pprovati fit-trattazzjoni ta' din il-kawza, ma kienx qieghed jigi notifikat fl-indirizz 49, Clarence Street, Imsida (u dan kif jidher mir-riferti hawn annessi bhala 'Dok MC3') permezz ta' notifiki normali. Sussegwentement, il-Bord li Jirregola l-Kera fl-udjenza tat-23 ta' Mejju 2024, awtorizzat lir-rikorrenti jinnotifikaw lill-intimat bil-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni b'dan illi l-pubblikazzjoni f'gurnal lokali ghandha tkun f'wiehed bil-Malti ta' kuljum.*

6. *Illi l-affissjoni regghet saret fl-indirizz hazin u cioe r-rikors promotur u l-avviz tas-smigh twahhlu f'49, Clarence Street, Imsida u l-publikazzjonijiet f'gurnal lokali kif ukoll fil-Gazzetta tal-Gvern indikaw l-indirizz tal-intimat bhala 49, Clarence Street, Imsida u dan kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat 'Dok MC4'. Illi ghalhekk, ma kien hemm l-ebda mod ragonevoli kif l-intimat seta' jigi notifikat meta* ***<u>kull tentattiv</u>*** *ta' notifika sar f'indirizz skorett.*

7. *Illi infatti, jekk wiehed ihares lejn ir-riferti, liema riferti huma* ***<u>kollha negattivi,</u>*** *malajr jinduna li l-marixxali Raymond Borg u Sandra Grech qatt ma setghu jinnotifikaw lill-esponenti fl-indirizz provdut u cioe 49, Clarence Street, Imsida.*

8. *Illi kif jidher mill-estratti tar-Registru Elettorali attwali, kif ukoll tas-snin 2019 u 2024, l-indirizz tal-intimat dejjem kien 10, Sqaq Clarence, Imsida u allura m'hemm l-ebda raguni logika kif l-atturi li minn dejjem kellhom in-numru tal-karta tal-identita' tal-esponenti komplew jinnotifikaw lill-intimat bl-indirizz il-hazin. Oltre minn hekk, jidher b'mod car minn dawn l-estratti li l-atturi lanqas biss jistghu jargumentaw li l-indirizz kien inbidel fis-sena 2024 u ghalhekk attentaw in-notifika f'dak l-indirizz.*

9. *Illi b'mod kurjuz, meta l-atturi eventwalment intavolaw il-mandat ta' zgumbrament, huma nnotifikaw lill-intimat bil-mandat ta' zgumbrament mill-ewwel fl-indirizz it-tajjeb u cioe f' 10, Sqaq Clarence, Imsida u dan kif jidher minn kopja tal-mandat hawn anness u mmarkat Dok MC5. Infatti, kontrajament ghar-rikors nru 168/2024, huma mill-ewwel gie notifikat bil-mandat odjern li ordnah jivvaka l-proprjeta de quo fi zmien 8 tijiem. Infatti, huwa sar edott tal-fatt li kien hemm kawza ta' zgumbrament kontrih precizament meta kien notifikat bil-mandat ta' zgumbrament li mieghu kellu anness vera kopja tas-sentenza in kwistjoni!*

10. *Illi kontestwalment mar-rikors odjern, qieghed jigi wkoll ipprezentat rikors ghar-revoka tal-mandat ta' zgumbrament bin-numru 716/2025 fl-ismijiet Alfred Cuschieri vs Mario Caruana u dan ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sabiex esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna contrario imperio it-thassir ghal kollox mandat ezekuttiv suespost.*

*11.Illi ghar-ragunijiet suesposti, l-esponent gie mcahhad mill-opportunita' illi jmexxi d-difiza tieghu fil-procedura fuq imsemmija, stante li ma giex regolarment notifikat.*

*12.Illi ghaldaqstant tezisti raguni sufficjenti sabiex tintalab ritrattazzjoni taht l-Artikolu 811(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*13.Illi dawn il-fatti jaf bihom personalment l-esponent ritrattand.*

*Ghaldaqstant, l-esponent, in vista tal-premess, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:*

*i) Tiddikjara u tiddeciedi li in bazi tal-premess jezistu ragunijiet bizzejjed ghal ritrattazzjoni skond il-ligi a tenur tal-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*ii) Thassar u tannulla s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera moghtija fis-7 ta' Ottubru 2024 fl-ismijiet Mary Rose Borg et vs Mario Caruana (Rikors Nru 168/2024).*

*iii) Tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet Mary Rose Borg et vs Mario Caruana (Rikors Nru 168/2024), deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera nhar is-7 ta' Ottubru biex b'hekk l-esponent ikun jista' jhares d-drittijiet tieghu skond il-ligi.*

Ra r-risposta ta` Mario Caruana ppreżentata fit-8 ta' Frar, 2023, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:

*1. Wara li ġew verifikati l-fatti, jidher li dak li qiegħed jallega r-rikorrenti għandu mis-sewwa u li hemm żball fl-indirizz tiegħu. Madanakollu, l-intimati jitolbu li r-rikorrenti jikkonferma bil-ġurment tiegħu li huwa qatt ma kellhu x'jaqsam mal-fond 49, Clarence Street, MSIDA.*

*L-intimati jagħmlu referenza b'mod partikolari għal-paragrafu numru disgħa (9) tar-rikors maħluf, u jixtiequ jinfurmaw lill-Bord li fis-7 ta' Lulju 2014 l-intimati kienu bagħtu ittra lir-rikorrenti fl-indirizz 49, Clarence Street, Msida, fejn infurmawh li huwa kellhu jagħtihom l-ammont ta' Eur292.29c (Dok. MC1).*

*Sussegwentement, wara l-għoti tas-sentenza saret tfittxija fir-reġistru tal-qorti għaċ-ċedoli u min hemm irriżulta indirizz ġdid u ċioe dak indikat mir-rikorrenti f' dawn il-proċeduri.*

*In vista ta' dan, l-intimati qegħdin jirrimettu ruħhom għal ġudizzju tal-Bord fir-rigward.*

*2. In vista taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, l-intimati ma għandhomx jbagħtu l-ispejjeż.*

Ra d-dokumenti annessi mar-rikors promutur;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza finali.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ritrattand ipproċeda bir-rikors odjern sabiex tiġi mħassra u annullata s-sentenza ta' dan il-Bord prolatata fis-7 ta' Ottubru 2024 u dana stante li jissottometti li ma ġiex notifikat regolarment bil-proċeduri li taw lok għall-imsemmija sentenza.

Fir-rikors promutur u fix-xhieda tiegħu ir-rikorrent ritrattand stqarr illi l-indirizz tiegħu huwa 10, Sqaq Clarence, Msida, u li pero` fl-antik l-istess indirizz kien iġib in-numru 49. Illi mar-rikors promutur, ir-rikorrent ritrattand ippreżenta estratt tar-Reġistru elettorali ta' April 2024 u ta' April 2019, minn fejn jirriżulta illi minn tal-inqas, minn April 2019, ir-rikorrent kien reġistrat fil-fond numru 10, Sqaq Clarence, Msida.[1]

Illi min-naħa l-oħra, mar-risposta tagħhom, l-intimati ritrattati esebew ittra legali datata 07 ta' Lulju 2014 li ntbagħtet lir-rikorrent ritrattand fl-indirizz 49, Sqaq Clarence, Msida.[2] Illi ma jirriżultax illi r-rikorrent ritrattand qatt innotifika lill-intimati ritrattati bit-tibdil fin-numru tar-

[1] A fol. 18

[2] Dokument MC1 a fol. 47

residenza tiegħu. Kif spjega d-difensur tal-intimati ritrattati fit-trattazzjoni orali tiegħu, kien biss meta l-intimati ritrattati marru biex jiżbankaw iċ-Ċedoli ta' Depożitu, wara li ġiet pronunzjata s-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2024, li nnutaw li r-rikorrent ritrattand kien indika l-indirizz numru 10, Sqaq Clarence, Msida bħala l-indirizz residenzjali tiegħu. Di fatti, fir-risposta tagħhom, filwaqt li ċċaraw dan il-punt, huma stqarru li wara li ġew verifikati l-fatti allegati, irriżulta li kien hemm żball fl-indirizz tar-rikorrent ritrattand indikat fil-kawża li qed tintalab ir-ritrattazzjoni tagħha.

**Ikkunsidra:**

Il-Bord jibda biex jirrileva illi r-rimedju tar-ritrattazzjoni jidderoga prinċipju bażiku legali, u ċioe`, li sentenza finali għandha forza ta' liġi bejn il-kontendenti. Il-ġudikat, in fatti, għandu l-forza li jtemm darba għal dejjem il-litiġju li jinsorġi u li jiġi definit bis-sentenza.

Madanakollu, il-Bord jagħmel referenza għall-osservazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet ***Leonard Muscat et –vs- Onorevoli Prim'Ministru*** tal-31 ta' Lulju 2000 fejn intqal is-segwenti, u ċioe`:

*"L-istitut tar-ritrattazzjoni jipprovdi rimedju utilissimu ta' revizjoni ta' sentenza finali, bl-iskop illi jigu rettifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikati u b'hekk tigi evitata "miscarriage of justice" u tinkiseb gustizzja sostanzjali ghall-partijiet."*

Illi l-aggravju tar-rikorrent ritrattand fil-każ in eżami huwa li ma ġiex regolarment notifikat bl-azzjoni mibdija mill-intimati ritrattati. Il-Bord jirrileva illi n-notifika ta' atti ġudizzjarji hi regolata bid-disposizzjonijiet speċifiċi fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili u li l-validita` tagħha tista' biss treġi jekk jiġi provat konklużivament illi n-notifika saret skond kif maħsub fl-istess disposizzjonijiet.

Illi l-artikolu 811 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżerva d-dritt tar-ritrattazzjoni meta rikors, ġuramentat jew le, ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet notifikata, ma tkunx dehret għas-smigħ tal-kawża.

Il-Bord jirrileva illi azzjoni bħal dik odjerna trid issir fi żmien tliet (3) xhur minn meta l-parti telliefa tkun saret taf bid-deċiżjoni.

*"Provvediment dan illi jfisser kjarament illi kull ma jenhtieg biex jibda jiddekorri t-terminu huwa li l-attur ikun gie a konoxxenza tal-fatt li inghatat is-sentenza. L-ebda formalita` ma hija mehtiega biex jigi kostatat il-fatt ta' konoxxenza ta' l-attur ta' l-ezistenza ta' din is-sentenza. Dan il-fatt jista' jigi arguwit u dezunt mill-provi u cirkostanzi li jnisslu fil-gudikant il-konvinciment li l-attur kien jaf jew li hu ma setghax ikun qed jitlob ir-ritrattazzjoni fil-mument meta l-provi hekk juru"* - ***Joseph Mangion et –vs Joseph Cassar***, Qorti tal-Appell, 27 ta' April 1999.

Illi fil-każ in eżami, dan it-terminu jirriżulta li ġie rispettat stante li l-Mandat ta' Żgumbrament ġie akkordat fit-8 ta' Mejju 2025 u l-ordni tal-marixxall eżekutant li ngħatat lir-rikorrent ritrattand biex jiżgombra hija datata 26 ta' Mejju 2025.[3]

Illi mid-dokumentazzjoni annessa mar-rikors promutur u mix-xhieda tar-rikorrent ritrattand jirriżulta li l-indirizz residenzjali tiegħu huwa 10, Sqaq Clarence, Msida. Illi pero` dan il-Bord jifhem li l-indirizz li l-intimati ritrattati kellhom fil-mument li pproċedew bil-kawża għall-iżgumbrament kien dak li dejjem ikkomunikaw bih mar-rikorrent ritrattand. Kwindi dan il-Bord ma jirraviza l-ebda *mala fede* da parti tal-intimati ritrattati.

Illi għaldaqstant, stante li jirriżulta bħala fatt illi r-rikorrent ritrattand ma ġiex notifikat fl-indirizz residenzjali tiegħu, il-Bord huwa tal-fehma illi t-talbiet tiegħu għandhom jiġu milqugħa.

**DECIDE**

Għaldaqstant, il-Bord, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi l-kawża billi jordna t-tħassir tas-sentenza tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2024 fil-kawża fl-ismijiet ***"Mary Rose Borg et vs Mario Caruana"*** u dan a tenur ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili għar-raġuni li r-rikorrent ritrattand ma kienx ġie validament notifikat bir-rikors ġuramentat u bl-avviż tas-smigħ tal-kawża kif trid il-liġi. Konsegwentement jordna s-smigħ mill-

[3] A fol. 35

ġdid tal-kawża wara li r-rikorrent ritrattand jiġi debitament notifikat skond il-liġi bir-rikors ġuramentat.

L-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**